MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tal-15 ta' April, 2008

Appell Kriminali Numru. 496/2007

**Il-Pulizija**
**Vs**

**Steve John Micallef**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fl-24 t'Awissu, 2007 fin-12.30 p.m., u f'dawn il-granet go D. Micallef & Son Import & Export Co. Ltd, Triq Patri Pelagju Mifsud, Zebbug,

1. bejgh jew kellu fil-pussess tieghu prodotti ta' l-ikel ippakkjati minn qabel mahsubin ghall-konsum mill-bniedem, li kienu b'mod li jistghu jqarrqu lix-xerrej fi grad materjali partikolarment dwar il-karateristici ta' l-oggett ta' l-ikel u b'mod partikolari dwar origini w provenjenza;
2. bejgh jew kellu fil-pussess tieghu prodotti ta' l-ikel ippakkjati minn qabel mahsubin ghall-konsum mill-

bniedem li ma kellhomx fuq it-tikketta lista shiha ta’ l-ingredjenti.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tas-6 ta’ Dicembru, 2007, li biha, ma sabitx lill-appellat hati skond l-akkuzi w illiberatu minnhom.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fl-20 ta’ Dicembru, 2007, li bih talab li din il-Qorti joghgobha, tirrevoka s-sentenza appellata, ssib htija w tinfliggi l-piena skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-agravju tal-appellant Avukat Generali, fil-qosor, huwa s-segwenti w
cioe' :- li l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi stante li mix-xhieda stess tal-akkuzat, irrizulta li l-akkuzi kienu kjarament pruvati. Illi fil-fatt hu pprova jiggustifika l-agir tieghu billi qal li ftit wara li ngibditlu l-attenzjoni mill-Ufficjal tal-Health, hu talab l-informazzjoni rikjesta mill-ligi lill-fornitur tieghu. Illi certament f' dan l-istadju ir-reat kien diga kommess ghax kif jirrizulta ovvjament mill-provi, l-istess prodotti kienu gja lesti ghall-biegh tant li l-prodotti maqbuda gew *relabled* waqt is-seduta tal-Qorti . Ghalhekk, hawn certament mhux kaz ta' zball ghax ir-reat kien gie kommess. *"Ignorance of the law is no excuse."*

Semghet it-trattazzjoni fl-udjenza tas-27 ta' Marzu, 2008.

Rat l-Ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghall-udjenza tal-lum ghas-sentenza;

Ikkonsidrat;

Illi l-uniku agravju tal-appellant Avukat Generali huwa imsejjes fuq l-apprezzament tal-fatti maghmul mill-Ewwel

Qorti. Issa, kif dejjem gie ritenut minn din il-Qorti, l-Qorti tal-Appell ma tissostitwix id-diskrezzjoni w l-gudizzju taghha ghal dak tal-Ewwel Qorti meta si tratta t' apprezzament tal-fatti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk il-konkluzzjoni li tkun waslet ghaliha l-Ewwel Qorti fuq il-fatti li jkunu rrizultawlha setghetx tasal ghaliha fuq bazi ta' ligi w ta' ragjonevolezza. Fi kliem iehor tara jekk dik il-konkluzzjoni kienetx *wahda "safe and satisfactory"* fid-dawl tar-rizultanzi. (Ara. App. Krim. **"Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et"** [12.5.94] ; **"Il-Pulizija vs. Emmanuel Mifsud"** [11.7.94]; **"Il-Pulizija vs. Joseph Zahra"** [10.5.2002] u ohrajn) Dan japplika ugwalment ghall-appelli intavolati mill-Avukat Generali jew mill-kwerelant.

Din il-Qorti ghalhekk ghamlet ezami approfondit tal-atti processwali biex tara jekk id-decizjoni tal-Ewwel Qorti fejn sabet lill-appellant mhux hati taz-zewg imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu kienetx wahda li setghet tasal ghaliha legalment u ragjonevolment.

Ikkonsidrat;

Li l-fatti li taw lok ghal dan il-kaz kif jirrizulta mill-provi li jinsabu traskritti fil-process huma s-segwenti: **<u>Stephania Muscat</u>**, Health Inspector, w il-kollega taghha Keith Desira kienu marru biex jissigillaw xi *boneless pork,* ghand D. Micallef & Sons Import and Export Co. Ltd., f' Haz Zebbug, fl-24 t' Awwissu, 2007. Dan kien sar in konnessjoni ma xi inspection li kienet saret precedentement u li m' ghandix x' taqsam mall-mertu ta' dan il-kaz. Dak in-nhar stess pero' kien wasal xi xoghol iehor u l-appellat kien qalilha b' dan u kien qalilha: "*Ejja arah kif inhu."* u allura hi kienet marret u ghamlet *inspection.*

Meta dahlet fil-*cold room* sabet kwantita' ta' *pork loin* u *knuckle* li *kienu sliced* u *packed* f' boroz trasparenti. Dawn kellhom il-*health mark* ta' Dew Fresh Limited u kellhom ukoll *sticker* fuqhom li juri l-isem tal-prodott, il-*lot number*, il-*best before date* u l-*address* tal-*packer.* Pero' fuqhom ma kien hemm ebda indikazzjoni tal-pajjiz tal-origini

taghhom fuq il-*label*. Inoltre, fuq il-*pork loin* ma kienx hemm il-lista tal-ingredjenti. Dawn kollha kienu ppakkjati go kaxxi tal-kartun li kienu *labled* Dew Fresh. Kien hemm ukoll *lamb* u *veal* li ukoll kienu *packed* u *sliced* pero' kienu fil-kaxxi originali taghom u kellhom il-*health mark* ta' barra. Fuq l-*invoice* ta' dak ix-xoghol kien hemm indikat li n-*knuckle* kienet *Dutch*, pero' fuq il-*pork loin* ma kienx hemm indikazzjoni tal-pajjiz tal-origini w *ingredient list*. Kien qieghed immarkat bhala "*marinated".*

In kontroezami dix-xhud qalet li meta kellmet lil-appellat dan kien qalilha li ma kienx jaf li l-oggetti kienu *foreign* u li hu kien "*just packer"* u li ma jafx jiddistingwi bejn *"local meat"* u *"foreign Meat*". Pero' dak iz-zmien l-appellat kien diga' taht investigazzjoni w kienu gja marru ghandu darbtejn.

Meta regghet xehdet fit-30 ta' Novembru, 2007 (fol. 28-29) ix-xhud esebiet id-dokumenti SM1, (traceability records) SM2 (invoice 420698), SM3 (seal and seize tal-prodotti issigillati) u SM4.(il-prodotti tieghu kif inhuma ppakkjati). Dawn pero' ma jinstabux f' dan il-process u d-dokumenti mmarkati SM1, SM2 u SM3 (a fol. 2 tal-process) jidhru li huma dokumenti differenti.

Mix-xhieda fil-kawza kontra John Pisani , li jinsabu traskritti w annessi ma l-atti ta' dan il-process skond il-verbal tas-6 ta' Dicembru, 2007, rrizulta li l-prodotti kienu gew importati f' Malta mid-ditta J. &. C. Pisani Ltd. u li fuq l-ippakkettjar taghhom ma kien hemm xejn irregolari. Pero' peress li l-klient, f' dan il-kaz l-appellat, kien ordna li l-prodott jigi *sliced*, huma jghaddu l-prodott lid-ditta Dew Fresh Ltd. biex din tipprocessah kif mitlub mill-klient. Umbaghad din id-ditta wara li tisslacjah terga' tibghatu ghand J. & C. Pisani Ltd. li tghaddih lill-klient (appellat). Din kienet taghmel it-tikketta jew kopji tat-tikketti tal-prodott fil-boroz tal-laham hekk ipprocessat. F' dal-kaz seta' kien li ma dahlitx it-tikketta tal-prodott pero' xi saghtejn wara l-konsenja ta' dan il-laham, fuq rikjesta tal-istess appellat, J. &. C. Pisani Limited kienet baghtet e-mail lill-appellat bit-tikketta w l-informazzjoni kollha mitluba.

**<u>L-appellat</u>** xehed li x-xoghol in kwistjoni kien mixtri minghand kumpanija licenzjata ohra. Kien wasallu rrappjat go borza tal-plastic bil-*head mark* u bil-label taghhom. Gharaf id-dokument SM15 (li ma jinsabx fil-process) bhala kopja tal-*invoice* tieghu li turi l-prodotti miktubin fuq il-fattura. Mhux indikat jekk il-*pork* hux ta' barra jew ta' Malta. Hu kien baghat ghaliha fl-24 t' Awwissu, u din waslitlu bil-fax (Dok. SJM, li ukoll ma jinsabx fil-process) fl-4.07 pm.

In kontro-ezami l-appellat qal li f' dan il-kaz is-supplier tieghu hu J.&. C. Pisani w gieli jordna *pork loin* minn ghandu, *sliced* u *in bulk* u hu mbaghad jaghmlu *sliced in retail packs* u jerga jippakkjah taht il-*brand* tieghu. Qabel l-24 t' Awwissu, l-Ispetturi kien diga marru ghandu qabel. Hu kien talabhom biex jergghu jmorru wara li tasallu l-konsenja. Kienet forsi ghaddiet siegha ghax hu kif appena waslitlu l-*delivery,* kien talab lill-*inspectors* biex imorru halli jaraw hu x' kellu jaghmel bil-prodott. Infatti kienu hadulu xi ritratti tal-prodott u ma gara xejn.

Ikkonsidrat;

Illi mill-provi fuq riassunti jidher li dak li gara fl-24 ta' Awwissu, 2007, ma kienx tort tal-appellat. Hu kien ordna xoghol ta' *pork loin sliced* minnghand ditta ohra. Din id-ditta l-ohra, li kellha kollox regolari skond ma xehdu l-istess *inspectors,* kienet ghaddiet il-prodott lil *sister company* biex taghmel l-ipprocessar tas-*slicing* biex proprju ssegwi r-regolamenti ghax skond ir-regoli tal-EU ma setghetx tisslacja l-prodotti hi. Meta l-prodott *sliced* rega' tpogga fil-kaxxi, ma tpoggietx gol-kaxxi t-tikketta li kellu fuqu qabel u li kienet turi l-origini kif ukoll l-ingredjenti tal-prodott. Illi kien proprju l-istess appellat li, appena ntebah b' dan, talab l-intervent tal-i*nspectors* biex imorru ghandu w jghidulu x' ghandu jaghmel b' dal-prodott. Fil-fatt hu ghamel rikjesta lid-ditta *supplier* li minnufieh bil-fax baghtitlu l-informazzjoni mehtiega. Igifieri kien proprju l-appellat stess li nebbah lill-i*nspectors* b' dan l-istat ta' fatt li ma jidhirx li kellu kontroll fuqu w talabhom jisspezzjonaw

il-prodott. Dan jirrizulta ampjament mix-xhud ewlieni tal-prosekuzzjoni Stephania Muscat.

Fic-cirkostanzi ghalhekk din il-Qorti ma tarax li l-konkluzzjoni raggunta mill-Ewwel Qorti ma kienetx wahda ragjonevoli w legali, ghaliex, anki jekk f' dawn il-kazijiet si trattava ta' dak li jissejjah *"a technical offence*", ma jirrizultax li l-appellat f' dan il-kaz ghamel xi haga jew lahaq ghamel xi att volontarju li seta' jwassal ghal ksur tal-ligi. Anzi, appena nduna kif waslitlu l-konsenja, f' hin ta' siegha kien pront informa lill-*inspectors* u hu stess talabhom l-intervent taghhom.

Ghalhekk din il-Qorti ma tarax li hemm lok li l-apprezzament tal-fatti maghmul mill-Ewwel Qorti ghandu jigi mibdul.

Konsegwentement l-appell qed jigi michud w s-sentenza appellata konfermata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------